**Stqarrija għall-Media:**

**Niċċelebraw id-Diversità**

Mużiċisti u kantanti bi stili differenti u b'mużika u stumenti mużikali li joriġinaw minn kulturi differenti kienu l-qofol ta' Kunċert li jiċċelebra d-diversità permezz tal-mużika organizzat mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE). Il-kunċert li sar f'Baystreet u kien immirat għaż-żgħażagħ, jifforma parti mill-proġett *Naħsbu b'Mod Ugwali* (VS/2010/0569), ko-finanzjat mill-Fondi Progress tal-Unjoni Ewropea.

Hu magħruf li l-mużika hi waħda mill-meżżi ta' komunikazzjoni l-aktar effettivi u popolari kemm maż-żgħażagħ kif ukoll mal-pubbliku. Il-mużika tixhed diversità kif espressa mill-artisti, bi stili mużikali u strumenti minn kulturi differenti. Permezz tad-diversità tal-ħoss, li hi kunċett li daħal sew fil-kultura taż-żgħażagħ, iż-żgħażagħ kienu mistiedna b'mod speċjali biex jesploraw aktar id-diversità billi jkunu esposti għall-kulturi li minnhom ħarġu t-tipi differenti ta' mużika.

Ippreżentat minn Oz and Jay, il-Kunċert inkluda l-band Peruvjana *Islay*, strumenti Ċiniżi, il-*band* tribali Afrikana Kremangaro, Beat Boxer Dana Mckeon, kif ukoll mużika tradizzjonali Maltija mħallta b'rap, folk, Hip Hop u Break Dancing.

Matul il-kunċert, tħabbru wkoll ir-rebbieħa tal-Kompetizzjoni tal-Arti u l-Fotografija li kienet organizzata bħala parti mill-proġett *Naħsbu b'Mod Ugwali*. Il-parteċipanti ta' dawn il-kompetizzjonijiet ingħataw iċ-ċertifikati u r-rebbieħa rispettivi kienu ppreżentati b'*vouchers* li jirrikonoxxu l-kisbiet tagħhom.

Il-proġett *Naħsbu b'Mod Ugwali* għandu l-għan li jqajjem dibattitu dwar l-ugwaljanza, id-diversità u d-diskriminazzjoni multipla; isaħħaħ u jippromwovi għarfien dwar l-ugwaljanza, in-non-diskriminazzjoni, id-diversità u d-diskriminazzjoni multipla; u li jwassal prattiċi tajbin u jissensitizza, jħarreġ u jagħti s-setgħa liż-żgħażagħ li jilqgħu u jgħixu d-diversita permezz ta' diversi attivitajiet. Dawn l-attivitajiet kienu jinkludu seminar immirat għaż-żgħażagħ u Simpożju dwar id-Diskriminazzjoni Multipla. Barra minn hekk, permezz tal-proġett qed tingħabar ukoll informazzjoni li tikkonsisti f'riċerka kwalitattiva u kwantitattiva li se tipprovdi tagħrif li jkun bżonnjuż għat-tħejjija tal-leġislazzjoni, il-*policy* u l-pjani ta' azzjoni.

**It-Tnejn 28 ta' Novembru, 2011**